# Tliet Beati Maltin

## Ġorġ - Nazju - Adeodata

kitba ta' ***Raymond Tabone*** *Dip.Mangt.*

Nhar id-9 ta' Mejju 2001, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II waqt żjara storika fil-gżejjer Maltin iddikjara bħala beati, lit-tliet Maltin Dun Ġorġ Preca, Nazju Falzon u Adeodata Pisani. Iċ-ċerimonja tal-beatifikazzjoni saret fuq il-Fosos tal-Furjana quddiem eluf ta' nies. Preżenti wkoll għal din iċ-ċerimonja li saret waqt quddiesa, kien hemm l-ogħla mexxejja tal-pajjiż, reliġjużi u ġurnalisti barranin li ħonqu l-fosos biex jaraw mill-qrib lill-Mexxej tal-Knisja Kattolika. L-istess quddiesa u ċerimonja kienu trasmessi lil miljuni ta' nies mad-dinja kollha. In-nies dakinhar bdew jinġabru minn kmieni filgħodu biex jilħqu post tajjeb minn fejn setgħu jsegwu lill-Papa jqaddes fuq tribuna li saret għall-okkażjoni fuq disinn tal-Perit Richard England.

Qabel, saret purċissjoni fejn inġarr il-Kurċifiss ta' Dun Ġorġ li kien ingħata lilu mill-Arċisqof Pietru Pace bħala sinjal ta' inkoraġġiment wara li d-djar tal-MUSEUM infetħu mill-ġdid wara li fl-1909 il-Vigarju Ġenerali Salv Grech kien ordna li dawn jingħalqu. Ittellgħu wkoll fuq it-tribuna r-relikwa bid-driegħ ta' San Pawl u oħra bil-kolonna ta' qtugħ ir-ras ta' Missier il-Maltin.

Mal-wasla tal-Papa kif ukoll matul iċ-ċerimonja tkantaw diversi innijiet u ritornelli mill-kor li kien taħt id-direzzjoni tas-Surmast Dion Buhagiar. Għal ċertu ħin dan il-kor kien akkumpanjat minn kor tat-tfal immexxi mis-Surmast Lino Attard.

Hekk kif il-Papa ħabbar li t-tliet venerabbli Maltin kienu ġew dikjarati beati, tliet inkwadri bir-ritratti tagħhom li kienu fuq it-tribuna u li kienu mgħottija, inkixfu biex il-pubbliku jkun jista' jarahom fost ċapċip u ferħ kbir.

Wara l-beatifikazzjoni, ittellgħu fuq it-tribuna tliet relikwi li ġew ivvenerati mill-Papa u li wara tpoġġew quddiem ix-xbiegħat rispettivi tat-tliet beati.

Dan li ġej huwa profil qasir tat-tliet beati Maltin.



## Dun Ġorġ Preca

Dun Ġorġ twieled fit-12 ta' Frar 1880 fid-dar Nru. 53 fi Triq il-Punent, il-Belt Valletta minn Natalina Ceravòlo u Vincenz Preca. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola tal-Gvern u kompla fil-Liceo tal-Ħamrun. Daħal is-Seminarju ta' l-Arċisqof u fit-22 ta' Diċembru 1906 sar qassis.

Minn meta kien għadu djaknu beda jinnota b'dispjaċir il-faqar ta' kif kien qiegħed jiġi mgħallem il-katekiżmu. Għalhekk kien iddeċieda li jagħmel xi ħaġa biex itejjeb dan it-tagħlim. Fil-fatt ġewwa l-Knisja ta' Nuzzo l-Ħamrun, beda jlaqqa' grupp

ta' żgħażagħ. Dan kienl-ewwel pass fit-twaqqif tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija magħrufa bħala MUSEUM.

L-inizjali ta' dan il-kliem huma fil-qasir tal-kliem bil-latin: ***Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus***, li t-tifsira tagħhom hija: *Mgħallem, O li kieku d-dinja kellha timxi wara l-Evanġelju!*

Għall-ewwel Dun Ġorġ beda jlaqqa' wkoll dawk li kienu miżżewġin, però wara saret regola li s-soċji jridu jkunu mhux miżżewġin. Din is-Soċjetà kibret, għalkemm sabet ħafna tfixkil fil-bidu. Infetħu ħafna oqsma f'ħafna lokalitajiet f'Malta u f'Għawdex. Ħafna kienu dawk li kienu jmorru jitgħallmu u jgħallmu lit-tfal id-duttrina.

F'Diċembru 1917, meta kien qiegħed imut missier Dun Ġorġ, l-istess Dun Ġorġ kien kiteb għall-ewwel darba l-kliem bil-latin fuq karta u poġġa l-istess karta fuq sider missieru. Dawn kienu: *Verbum Dei Caro Factum Est* li jfissru *L-Iben ta' Alla sar Bniedem.* Dan il-kliem sar il-motto tas-soċjetà u llum wieħed jista' jarahom fuq l-arma li jwaħħlu fuq sidirhom il-membri tal-MUSEUM.

Kien onorat mill-Papa Piju XII bit-titlu ta' *"Cameriere Secreto"* tal-Qdusija Tiegħu u Monsinjur. Dun Ġorġ ma waqafx hawn, anzi żied il-ħidma fejn illum is-Soċjetà tal-MUSEUM ħarġet mix-xtut tagħna u qed tagħmel diversi ħidmiet f'pajjiżi barranin fosthom l-Awstralja, Kenja, Sudan, l-Albanija u l-Ingilterra.

Dun Ġorġ Preca sofra l-ewwel attakk gravi tal-marda li wasslitu sal -qabar fil-bidu ta' Lulju 1962. Fil-fatt miet fis-26 ta' Lulju 1962.

Kellu funeral sempliċi kif xtaq huwa. Eluf ta' Maltin u Għawdxin ġew u tawh l-aħħar tislima xierqa.

# Nazju Falzon



Fl-1 ta' Lulju 1813, Marija Tereża Falzon, mart l-Avukat Ġużeppi Falzon welldet tifel bl-isem ta' Ignazio. Dan ġara fid-dar tal-familja fi Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta.

Nazju, kif kien iżjed magħruf, twieled fil-bidu tal-ħakma Ingliża f'Malta u fl-eqqel tal-pesta fil-gżejjer Maltin.

Ħa l-edukazzjoni taħt żewġ qassisin. Daħal l-Università u beda l-kors għal Avukat fejn iggradwafil-a iġi Ċivili u l-Liġi Kanonika barra li studja fil-fond il-lingwa Ingliża. Waqt l-istudju rċieva l-ewwel tonsura klerikali mingħand l-Isqof Publio Maria de Conti Sant fl-20 ta' Diċembru 1928 fil-Knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta.

Qabel ma ggradwa, Nazju ħa l-Ordnijiet Minuri ta' l-Ostarjat u tal-Lettorat fejn ftit xhur wara ħa l-Ordnijiet Minuri ta' l-Eżorċistat u ta' l-Akkoletat.

Madankollu la qatt ma pprattika l-professjoni tiegħu ta' Avukat u lanqas ma ried li jiġi ordnat saċerdot.

Minflok għażel li jiddedika ħajtu għall-ħtiġijiet ta' Malta ta' żmienu u sar pijunier fl-oqsma tal-katekiżmu, tal-ħidma soċjali u tal-karità, ta' l-appostolat tal-lajċi u l-ekumeniżmu.

Kienbeda jgħallem id-duttrina u aktar tard beda jaħdem qalb is-suldati u l-baħrin Ingliżi li kienu ġew Malta bl-eluf. Kien jiġbor lis-suldati u l-familji tagħhom qabel l-istess suldati ma kienu jitilqu għall-gwerra biex flimkien jitolbu u jgħidu r-rużarju. Matul din il-ħidma tiegħu, huwa kkalkulat li pprepara mas-650 persuna għat-tgħammid fil-Knisja Kattolika.

Kien iħobb iqassam lill-Ingliżi diversi kotba flimkien ma' oġġetti ta' devozzjoni bħal kuruni tar-rużarju, domni u santi. Kellu mħabba kbira lejn il-fqar u kien ta' karità kbira magħhom bil-fatti. Spiss kien jagħti pariri legali bla ma jitlob ħlas għalihom. Kien iqatta' ħafna ħin jitlob u jsum quddiem il-Kurċifiss fil-kappella tal-familja tiegħu.

Nazju Falzon miet dakinhar li għalaq 52 sena fuq pultruna bl-inkwadru ta' San Ġużepp f'idejh. Il-funeral tiegħu sar fit-3 ta' Lulju 1865 fil-Knisja ta' Ġieżu fejn ukoll ġie midfun.

# Maria Adeodata Pisani



Adeodata, li qabel ma daħlet soru kienet magħrufa bħala Marija Tereża, twieldet f'Napli minn Vincenza Carrano Naplitana u l-Baruni Malti Benedittu Pisani Mompalao Cuzkani fid-29 ta' Diċembru 1806.

Kienet trabbiet min-nanna tagħha. Però kif mietet nannitha, Marija Tereża ntbagħtet fil-Kulleġġ ta' Santa Marija tal-Mirakli.

Baqgħet hemm sakemm kellha 17-il sena. Iżda fl-1821 f'Napli seħħew rewwixti kbar. Missierha nqabad priġunier u ġie kkundannat għall-mewt, però ġie mkeċċi lejn Malta għax kien ċittadin Malti. Erba' snin wara, Marija Tereża u ommha rħewlha lejn Malta u ġew joqogħdu r-Rabat.

Ommha dejjem ippruvat iżżewwiġha. Però Marija Tereża kienet kważi dejjem tqatta' l-ġurnata tagħha l-Knisja ta' Santu Wistin fejn kienet tisma' l-quddies u titlob. Kienet hemm li ħasset is-sejħa ta' Alla. Daħlet fil-ħajja kontemplattiva fil-monasteru Benedittin ta' San Pietru, fl-Imdina.

Fis-16 ta' Lulju 1828 Marija Tereża ntlaqgħet fil-Monasteru ta' San Pietru u ngħatat l-isem ta' Marija Adeodata. Damet 27 sena tgħix fil-monasteru, ħajja qaddisa, ta' umiltà u sagrifiċċju. Qatt ma riedet li xi ħadd ifakkarha fit-titlu tagħha ta' Barunessa jew fin-nobbiltà tal-familja tagħha. Bħala soru nobbli kellha d-dritt li fil-monasteru jkollha l-kamra u s-seftura tagħha. Hija ma aċċettatx u ċediet dan id-dritt lil soru marida.

Ħwejjiġha, flusha u l-ikel tagħha kienet tqassamhom lill-fqar. Anke meta kienet magħdura ħafna u bilkemm setgħet timxi, kompliet tagħmel l-atti ta' karità sa l-aħħar ta' ħajjitha.

Fl-1851 Adeodata Pisani nħatret Badessa, però ma dametx aktar minn sentejn f'din il-kariga minħabba s-sintomi tal-mard tal-qalb li bdew jiżdiedulha.

Mietet fil-25 ta' Frar 1855 meta niżlet fil-kappella filgħodu kmieni biex titqarben għall-aħħar darba. Fil-fatt, ftit wara ħassha ħażin u għalkemm xtaqet tmut fil-kappella bħal San Benedettu, is-sorijiet tellgħuha lura fis-sodda tagħha fejn mietet fl-età ta' 48 sena kif kienet ipprevediet ġurnata qabel lil mara fqira.

# Konklużjoni

Biex saru Beati, kemm Dun Ġorġ, Nazju u Adeodata kellhom jiġu ppruvati mirakli attribwiti bl-interċessjoni tagħhom. Huma proċessi li ħadu ż-żmien tagħhom għax it-triq ma kinetx faċli.

Issa li ġew iddikjarati Beati, ikun imiss il-pass lejn il-Qdusija tagħhom. J'Alla dan il-pass ma jeħux żmien twil. Nitolbu.